MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 1156/2013

**Carmelo Borg**

**Vs**

**Fenplay Limited gia maghrufa bhala CBM Bookmakers International Limited, Awtorita ghat-Trasport f'Malta, Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali, Emanuel Vella u Vincent Vella**

*Permezz ta' rikors guramentat l-attur ippremetta u talab:-*

1. *Illi permezz ta' sentenza datata 10 ta' Novembru 2010 moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti civili fl-ismijiet "Associated Motors Limited [C720] vs Emanuel Vella u martu Anna Vella" (Cit. Nru. 873/2010) hawn annessa u mmarkata bhala Dokument 'A', il-Qorti kkundannat lill-intimati sabiex, flimkien u in solidum bejniethom, ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' ħmistax–il elf sitt mija u erbatax –il ewro u sitta u disgħin centezmu (€15,614.96) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' vettura lilhom mibjughha b'kuntratt ta' hire purchase hawn anness u mmarkat Dokument 'B', tat-tip Honda S2000, numru tar-registrazzjoni RWD-240, flimkien mal-imghaxijiet legali b'sehh mill-20 ta' Lulju, 2010;*

2. *U Billi in esekuzzjoni tas-sentenza premessa is-socjeta` Associated Motors Limited talbet l-hrug ta' Mandat ta' Qbid Ezekuttiv Nru. 1896/2010, b'liema giet maqbuda l-vettura minnhom mibjughha u giet konsenjata mill-marixalli lill-kunsinnatarju Brian Attard;*

3. *U Billi din il-vettura giet kolpita minn ordni ta' ffrizar kif jirrizulta mill-atti tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-kaz Nru 796 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Vincent Ettiene Vella li huwa iben l-intimat konjugi Vella li kontra tieghu il-Pulizija hadet passi kriminali dwar serq jew misappropriazzjoni ghad-dannu tas-socjeta` Fenpaly Limited;*

4. *U Billi b'digriet datat 27 ta' Gunju 2012 hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'C', il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Vincent Etienne Vella" nehhiet l-ordni ta' ffrizar u ordnat ir-rilaxx taghha u awtorizzat l-bejgh taghha mill-proprjetarji taghha lil terzi sabiex fl-interess tal-partijiet in kawza jigi preservat il-valur tal-vettura stante li biz-zmien kienet qieghda tiddeterjora. Dan id-digriet gie rikonfermat b'degriet iehor tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'D';*

5. *U Billi permezz ta' digriet tat-12 ta' Settembru 2012 moghti minn dina l-Onorabbli Qorti gie ordnat li ssir is-subbasta mobbli numru 34/12 tal-vettura msemmija, din giet mibjughha lill-ghola offerent Borg Carmelo (u cioe` r-rikorrent) nhar l-Erbgha 31 ta' Ottubru, 2012 ghall-prezz ta' tmint elef ewro (€8,000) kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dokumebnti 'E' u 'F';*

6. *U Billi tali somma giet depozitata fl-ewwel ta' Novembru 2012 permezz ta' Cedola ta' Depozitu li ggib in-numru 1614/2012 hawn annessa u mmarkata Dokument 'G' fir-registru ta' din il-Qorti skond l-ordni ta' din il-Qorti Onorabbli;*

7. *U billi fuq talba tal-Avukat Generali hawn annessa u mmarkata bhala Dokument 'H', din il-Qorti Onorabbli ordnat li r-rikavat mis-subbasta*

*ammontanti ghal tmint'elef ewro (€8,000) jibqa' depositat fir-registru ta' din il-Qorti sakemm jigu konkluzi l-proceduri kriminali kontra Vincent Vella;*

8. *U billi meta r-rikorrent talab isir it-trasferiment tal-imsemmija vettura ghal fuq ismu lill-Awtorita`, din irrifjutat ghaliex irriteniet li hija kienet inibita milli tesegwixxi t-trasferiment minnu mitlub stante li kienet inibita milli taghmel dan in forza ta' mandat ta' inibizzjoni numru 1441/09 mahrug mis-socjeta` intimata Fenpaly Limited kontra Emmanuel Vella u ibnu Vincent Vella hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'I';*

9. *U billi l-Awtorita` intimata ma trassferitx il-licenzja tal-vettura surreferita fuq ir-rikorrent minkejja li huwa xtara minn subasta ordnata minn din il-Qorti;*

10. *U billi wkoll ghar-ragunijiet fuq premessi, ir-rikorrent qieghed isofri danni;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi:*

1. *Tiddikjara li stante li l-vettura RWD-240 giet mixtrija minn subbasta ordnata mill-Qorti mir-rikorrent li sar il-propjetarju legittimu tal-imsemmija vettura stante t-tnehhija tal-ordni ta' ffrizar mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Instruttorja u l-ordni ta' din il-Qorti Onorabbli biex isir is-subbasta tal-vettura fuq imsemija, is-socjeta` intimata Fenplay Limited m'ghandhiex dritt li tkompli tinibixxi t-trasferiment tal-imsemmija vettura ghal fuq isem ir-rikorrent, liema agir tal-intimati prezentement qieghed jikkawza dannu ghar-rikorrent;*

2. *Konsegwentement tordna ir-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1441/09 fl-ismijiet CBM Bookmakers International Limited vs Vincent Vella u Emmauel Vella in kwantu jolqot il-vettura RWD -240;*

3. *Tordna lill-Awtorita` konvenuta taghmel it-trasferimenti hekk necessarji sabiex il-licenzja tal-vettura fuq premessa tinqaleb ghal fuq ir-rikorrent;*

4. *Tiddikjara lill-intimati responsabbli tad-danni sofferti mir-rikorrent;*

5. *Tillikwida s-somma dovuta lir-rikorrent mill-intimati bhala danni sofferti minnu;*

6. *Tordna lill-intimati jhallsu lir-rikorrent d-danni hekk likwidati.*

**<u>Eccezzjonijiet tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta</u>** (fol. 35).

1. Fir-rigward tal-ewwel u tieni talba l-Awtorita' hi newtrali fis-sens li huma ndirizzati lill-konvenuti l-ohra u ghalhekk toqghod ghad-decizjoni tal-qorti.
2. L-Awtorita' m'ghandha l-ebda kwistjoni mal-attur u giet imharrka biex timplimenta kull ordni ta' ezekuzzjoni li l-qorti takkorda.
3. L-Awtorita' qatt ma tista' tinzamm responsabbli ghad-danni in kwantu obdiet l-ordni tal-qorti. In vista tad-digriet tal-25 ta' Frar 2013 ma setatx twettaq it-trasferiment.
4. L-Awtorita' m'ghandha tbati l-ebda spejjez.

**<u>Eccezzjonijiet ta' Fenplay Limited</u>** (fol. 38).

1. It-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront ta' Vincent Etienne Vella u Emanuel Vella hi legittima peress li huma debituri taghha (ara kawza 879/2009).
2. Il-mandat ta' inibizzjoni hu ordni tal-qorti.
3. Ma jezistux ir-rekwiziti biex jithassar il-mandat ta' inibizzjoni numru 1441/2009.
4. Talba ghall-hrug ta' kontromandat tista' ssir biss mill-persuna kontra min sar il-mandat (Artikolu 836 tal-Kap. 12).
5. Il-mandat ta' inibizzjoni ntlaqa' fl-14 ta' Settembru 2009, igifieri qabel sar il-bejgh bl-irkant fil-31 ta' Ottubru 2012. Ghalhekk kien il-bejgh favur l-attur li kien irregolari ghaliex sar bi ksur tal-ordni tal-mandat.
6. Gialadarba l-bejgh sar bi ksur l-ordni tal-Qorti moghtija bil-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni 1441/09, ma jezistux ir-rekwiziti legali ghar-revoka tal-mandat. Xi haga irregolari ma tistax tirbah fuq xi haga regolari.
7. Ir-raba', hames u sitt talbiet huma nfondati kontra l-konvenuta in kwantu persuna ma tistax tinzamm repsonsabbli ghad-danni sempliciment ghaliex ezercitat jedd taghha skond il-ligi u minghajr abbuz jew traskuragni.

**<u>Eccezzjonijiet tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali</u>** (fol. 63).

1. M'huwiex il-legittimu kontradittur ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
2. L-ilment tal-attur m'humiex kontra dan il-konvenut.
3. Qatt ma jista' jinstab responsabbli ta' danni. Ghalhekk ukoll minn dan l-aspett it-talba tal-attur ghandha tigi michuda.

Jirrizulta li Vincent u Emanuel Vella baqghu kontumaci (ara fol. 30).

Il-kawza titratta dwar il-vettura Honda Pass RWD 240 li l-attur xtara permezz ta' subbasta fil-31 ta' Ottubru 2012. Il-qorti rat ukoll l-atti tal-bejgh bl-irkant numru 34/2012.

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti[1].

Fil-qosor 'il fatti huma dawn:-

1. Fis-27 ta' Awissu 2009 CBM Bookmakers International Limited talbet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra Vincent Etienne Vella u Emanuel Vella (rikors 1441/2009), sabiex jigu inibiti milli jittrasferixxu b'titolu oneruz jew gratuwitu:

   *"l-proprjetajiet kollha immobiljari proprjeta' tal-intimati, kif ukoll l-vetturi kollha registrati f'isimhom fosthom Piaggio numru ta' registrazzjoni EBF 263 u vettura Westfield Sports Red convertible bin-numru ta' registrazzjoni MAD 013 registrata f'isem l-intimat Vincent Etienne Vella, u l-vetturi segwenti registrati f'isem Emanuel Vella cioe' Subaru Impresa ERC 500, mutur Harley Davidson HOG 008;* ***Honda Saloon RWD 240****"* (enfazi mizjuda).

   B'digriet tal-14 ta' Settembru 2009, il-qorti laqghet it-talba.

2. B'rikors prezentat fl-1 ta' Awissu 2012 Associated Motors Limited talbet il-bejgh bl-irkant tal-vettura Honda RWD 240, dan wara li b'sentenza ta' din il-qorti tal-10 ta' Novembru 2010 fil-kawza **Associated Motors Limited vs Emanuel Vella et,** giet kanonizzata kreditrici tal-konjugi Vella fis-somma ta' €15,614.96 bl-imghax mill-20 ta' Lulju 2010.

3. Fil-31 ta' Ottubru 2012 sar il-bejgh bl-irkant tal-vettura Honda Pass RWD 240 u nxtrat mill-attur ghall-prezz ta' €8,000. Fl-1 ta' Ottubru 2012 Borg iddepozita l-prezz. Jirrizulta wkoll li ha l-pussess tal-vettura.

4. Fit-22 ta' Novembru 2012 sar rikors mill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta fejn talbet li tigi awtorizzata taghmel it-trasferiment tal-vettura f'isem l-attur. B'digriet tal-25 ta' Frar 2013 il-qorti cahdet it-talba *"….. ghar-ragunijiet elenkati fir-risposta ta' CBM Bookmakers International Limited"*. Fit-twegiba CBM Bookmakers International Limited kienet oggezzjonat li l-Awtorita' taghmel it-trasferiment f'isem Carmelo Borg ghaliex qalet li:-

(a) Kien biss meta rceviet ir-rikors li saret taf bil-procedura ta' subbasta;
(b) Hemm il-mandat ta' inibizzjoni numru 1441/09 li jinibixxi li jigu trasferiti l-vetturi mobbli f'isem Emmanuel Vella u ibnu Vincent Etienne Vella;

[1] Jinkludu noti ta' sottomissjonijiet li pprezentaw l-attur, Fenplay Limited u Vella.

(c) Hemm kawza fejn CBM Bookmakers qeghda titlob minghand Vella l-hlas ta' €345,216.69, flus li ttrasferixxa mill-kontijiet tal-kumpannija u uzahom biex jakkwista affarijiet, fosthom il-vettura in kwistjoni.

5. B'ittra ufficjali prezentata fl-24 ta' Lulju 2013 (fol. 24) l-attur interpella lil Fenplay Limited, Awtorita' ta' Trasport f'Malta u Registratur dwar it-trasferiment tal-vettura li xtara fil-bejgh bl-irkant (fol. 24). Fit-22 ta' Ottubru 2013 Fenplay giet notifikata.

**<u>Eccezzjoni preliminari tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali</u>**.

B'riferenza ghall-ewwel eccezzjoni tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali, dan gie mharrek bla bzonn. Ma jirrizultax li huwa qatt kien xi parti fil-bejgh bl-irkant numru 34/2012 u lanqas ma ghandu x'jaqsam sabiex il-vettura tigi registrata f'isem l-attur. Ghalhekk l-eccezzjoni ser tigi milqugha.

**<u>Presenza tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta bhala parti fil-kawza</u>**.

Il-presenza tal-Awtorita konvenuta kienet mehtiega ghal finijiet ta' integrita ta' gudizzju. Gialadarba l-attur irid li l-vettura oggett tal-kawza tigi registrata f'ismu, ghamel sew li harrek lill-Awtorita' meqjus li m'hemmx kontestazzjoni li r-registrazzjoni tal-vetturi jsir minnha.

**<u>Meritu</u>**.

Fil-meritu hi l-fehma tal-qorti li dan il-kaz inqala' bla bzonn ghaliex:-

(a) Il-mandat ta' inibizzjoni numru 1441/2009 kien jinibixxi lil Vincent Etienne Vella u Emanuel Vella milli jitrasferixxu b'titolu oneruz jew gratuwitu l-vettura Honda Pass RWD 420. Il-bejgh bl-irkant sar fuq ordni tal-qorti u mhux inizjattiva ta' Vella.

(b) Mandat ta' inibizzjoni hu ta' natura kawtelatorja. M'hemm l-ebda provvediment fil-ligi li jipprojbixxi l-bejgh bl-irkant fuq ordni tal-qorti ta' oggett milqut minn mandat kawtelatorju. Mandat ta' inibizzjoni hi ordni fuq l-intimat. Rilevanti wkoll li fil-mandat ta' inibizzjoni nnifsu jinghad:

*"Inti[2], ghaldaqshekk, fuq ir-rikors imsemmi, ordnat illi, b'kopja li taghti ta' dan il-mandat lill-intimat, ghandek izzomm lill-istess intimat milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneurz jew gratuwitu kull proprjeta';*

***Inti ordnat li tinnotifika lill-intimat illi dan il-mandat ma japplikax ghall-kostituzzjoni ta' xi jedd fuq jew tnehhija jew trasferiment ta' xi beni li jsir fuq ordni ta' xi qorti"*** (enfazi mizjuda).

Ghalhekk Fenplay Limited m'ghandhiex ragun targumenta li l-bejgh bl-irkant kien irregolari. L-istess kumpannija qalet: *"l-bejgh tal-vettura maghmul favur ir-rikorrent sar bi ksur tal-ordni tal-Qorti rizultat tal-mandat ta' inibizzjoni li kien fis-sehh qabel il-proceduri ghall-bejgh bis-subbasta, u konsegwentement il-bejgh kien irregolari"* (paragrafu 14 tat-twegiba guramentata, fol. 39). L-ordni tal-bejgh inghatat mill-istess qorti, cjoe' l-Prim'Awla. Qorti ma tistax tikser ordni taghha stess.

(c) Il-prezz gie depozitat fil-qorti permezz tac-cedola 1614/2012 prezentata fl-1 ta' Novembru 2012. Kif sar il-bejgh bl-irkant u gie depozitat il-prezz, il-vettura saret proprjeta tal-attur.

(d) Il-pretensjoni tal-attur ghad-danni hi bla bazi. Fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2014 l-attur xehed li xtara l-vettura ghaliex dilettant tal-karozzi. Kompla jghid: *"…. Ikkonferma wkoll li kienet saritlu offerta minn Charles Cutajar sabiex ibieghlu l-vettura ghall-prezz ta' €17,500 izda l-attur kien ghadu ma hax decizjoni finali jekk ghandux jaccetta din l-offerta. Ikkonferma wkoll li l-vettura tinsab fil-pussess tieghu. Ikkonferma illi l-karozza ghal min hu dilettant tal-vetturi hi sabiha u worth having. Zied illi hu ma huwiex dealer ta' vetturi u xtraha ghalih personali. Ikkonferma wkoll li ghandu vettura ghall-uzu personali tieghu u meta xtara l-vettura l-intenzjoni ma kenitx li tintuza kuljum"* (fol. 70). Ghalhekk m'hemmx danni u l-ahhar tlett talbiet tar-rikors guramentat saru bla bzonn.

(e) Fenplay Limited argumentat li kien minhabba d-digriet tal-25 ta' Frar 2013 (ara l-atti tal-bejgh bl-irkant 34/2012) li ma sarx it-trasferiment. Hu minnu li l-qorti cahdet it-talba tal-Awtorita konvenuta sabiex isir it-trasferiment tal-vettura ghal fuq isem Carmelo Borg. Madankollu mid-digriet hu evidenti li l-qorti bbazat id-decizjoni fuq l-oggezzjoni ta' Fenplay Limited, li min-naha taghha kellha kull opportunita' li wara li tqies 'il fatti ma toggezzjonax. Fil-fatt fl-10 ta' Dicembru 2012 Fenplay ipprezentat twegiba fejn opponiet li jsir it-trasferiment tal-vettura f'isem l-attur proprju minhabba: *"…. tal-ordni tal-Qorti gja ezistenti sa mill-14 ta' Settembru 2009 sabiex ebda trasferiment ma jsir fir-rigward ta' din il-vettura u dana in kawtela tal-pretensjoni tas-socjeta esponenti"*. Mehud in konsiderazzjoni dak li nghad hawn fuq l-oggezzjoni ta' Fenplay Limited kienet ghal kollox bla bazi. Oggezzjoni li wkoll baqghet issosnti f'din il-kawza, sal-ahhar. Fil-fatt fil-hames eccezzjoni qalet:

[2] Qed jirreferi lill-ufficjal ezekuttiv li jrid jezegwixxi l-mandat.

*"Illi l-mandat ta' inibizzjoni gie milqugh defenittivament fl-14 ta' Settembru 2009 u cioe' qabel il-bejgh li sar favur ir-rikorrent fil-31 ta' Ottubru 2012, u ghaldaqstant kien il-bejgh favur ir-rikorrent li kien irregolari in kwantu sar bi ksur tal-ordni tal-istess mandat ta' inibizzjoni"*.

(f) Wiehed jista' jithajjar jargumenta li r-rikors prezentat fit-22 ta' Novembru 2012 mill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta sar bla bzonn, gialadarba l-vettura kienet inbieghet fuq ordni tal-qorti. Madankollu l-Awtorita' mxiet bi prudenza meta fit-22 ta' Novembru 2012 ipprezentat ir-rikors u talbet l-awtorizazzjoni tal-qorti qabel tirregistra l-vettur f'isem l-attur, u dan meqjus li kienet giet notifikata bil-mandat ta' inibizzjoni (ara fol. 50).

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju. L-ispejjez tieghu ghandu jaghmel tajjeb ghalihom l-attur.**
2. **Tichad l-eccezzjonijiet ta' Fenplay ghal dak li jirrigwarda l-bejgh bl-irkant tal-vettura Honda Pass RWD 240 u tikkonferma li l-vettura nxtrat mill-attur fil-bejgh bl-irkant li sar fil-31 ta' Ottubru 2012 (numru 34/2012) u m'hijiex milquta mill-mandat ta' inibizzjoni numru 1441/2009.**
3. **Tichad it-tieni talba gialadarba l-bejgh bl-irkant sar b'ordni tal-qorti u m'huwiex milqut mill-mandat ta' inibizzjoni numru 1441/2009 fl-ismijiet CBM Bookmakers International Limited vs Vincent Vella et.**
4. **Tilqa' t-tielet talba u ghalhekk tordna lill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta sabiex taghmel it-transfer tal-vettura Honda RWD-240 ghal fuq isem l-attur.**
5. **Tichad ir-raba', hames u sitt talbiet.**

**Salv ghal dak li nghad hawn fuq l-ispejjez jinqasmu in kwantu ghal 60% a karigu tal-konvenuta Fenplay Limited u 40% a karigu tal-attur peress li mhux it-talbiet kollha gew milqugha, b'dan li l-ispejjez tal-Awtorita' ghat-Trasport Malta jkunu a karigu ta' Fenplay Limited. Jekk hemm xi spejjez min-naha ta' Vella, ghalkemm kontumaci, dawn jibqghu a karigu taghhom.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------